II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/700

tal-4 ta' Mejju 2022

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1295/2008 dwar l-importazzjoni tal-ħaxixa tal-imrar mill-pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 190(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1295/2008 ([2]) jistabbilixxi lista tal-aġenziji tal-pajjiżi terzi li huma awtorizzati biex joħorġu l-attestazzjonijiet li jakkumpanjaw il-prodotti tal-ħaxixa tal-imrar importati minn dawk il-pajjizi. Dawk l-attestazzjonijiet huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikat stipulat fl-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(2) Hija r-responsabbiltà tal-aġenziji kkonċernati f'dawk il-pajjiżi terzi li jżommu aġġornata l-informazzjoni mogħtija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1295/2008 u li jikkomunikaw dik l-informazzjoni lis-servizzi tal-Kummissjoni, fi spirtu ta' kooperazzjoni mill-qrib.

(3) Barra minn hekk, il-Kanada bagħtet lill-Kummissjoni talba biex jiġu emendati l-isem u l-indirizz tal-aġenzija kompetenti awtorizzata biex toħroġ attestazzjonijiet ta' ekwivalenza. Għal raġunijiet ta' ċarezza jixraq li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1295/2008 jinbidel kollu kemm hu.

(4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1295/2008 jiġi emendat skont dan.

(5) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u sabiex tiġi ggarantita tranżizzjoni bla xkiel tal-flussi kummerċjali fis-settur ikkonċernat, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1295/2008

L-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1295/2008 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1295/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-importazzjoni tal-ħops mill-pajjiżi terzi (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 45).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS I

L-AĠENZIJI AWTORIZZATI BIEX JOĦORĠU L-ATTESTAZZJONIJIET GĦAL

Koni tal-ħaxixa tal-imrar bil-kodiċi NM: ex 12 10

Trabijiet tal-ħaxixa tal-imrar kodiċi NM: ex 12 10

Meraq u estratti tal-ħaxixa tal-imrar kodiċi NM: 1302 13 00

Pajjiż tal-oriġini	Aġenziji awtorizzati	Indirizz	Kodiċi	Telefown	Feks	indirizz elettroniku (fakultattiv)
(AR) L-Arġentina	Coordinación Regional Temática de Protección Vegetal (CRTPV). Servicio Nacional de Sanidad y Calidad Agroalimentaria (SENASA) Centro Regional Patagonia Norte	Calle 9 de Julio 933. General Roca, Provincia de Río Negro, Cod 8334	(54-298)	44 28 594 44 32 190	44 28 594 44 32 190	groca@senasa.gov.ar cpaulovich@senasa.gov.ar jesparza@senasa.gov.ar
	Servicio Nacional de Sanidad y Calidad Agroalimentaria (SENASA)	Av. Pasco Colon 367 Ciudad Aut. de Buenos Aires, C1063ACD	(54-11)	41 21 50 00	41 21 50 00	webmaster@senasa.gob.ar cdei@senasa.gob.ar
(AU) L-Awstralja	Biosecurity Tasmania -Department of Primary Industries, Parks, Water and Environment	13 St John's Avenue, New Town TAS 7008 Hobart TAS 7000, Awstralja	(61-3)	62 33 33 52	03 6165 3777	Biosecurity.Tasmania@dpipwe.tas.gov.au jew Export.Enquiries.Tas@dpipwe.tas.gov.au
(CA) Il-Kanada	Soċjetà taċ-Ċertifikazzjoni Agrikola tal-Paċifiku (PACS)	3402 32nd Avenue, Vernon, British Columbia, Kanada, V1T2N1	(1-613)	1-250- 558-7927	1- 250-558-7947	admin@pacscertifiedorganic.ca
(CH) L-Iżvizzera	Labor Veritas	Engimattstrasse 11, Postfach 353, CH-8027 Zürich	(41-44)	283 29 30	201 42 49	admin@laborveritas.ch
(CN) Iċ-Ċina	Tianjin Airport Entry-Exit Inspection and Quarantine Bureau of the People's Republic of China	No 33 Youyi Road, Hexi District Tianjin 300201	(86-22)	28 13 40 78	28 13 40 78	ciqtj2002@163.com

	Tianjin Economic and Technical Development Zone Entry-Exit Inspection and Quarantine Bureau of the People's Republic of China	No 8, Zhaofaxincun 2nd Avenue, TEDA Tianjin 300457	(86-22)	662 98-343	662 98-245	zhujw@tjciq.gov.cn
	Inner Mongolia Entry-Exit Inspection and Quarantine Bureau of the People's Republic of China	No 12 Erdos Street, Saihan District, Huhhot City Inner Mongolia 010020	(86-471)	434-1943	434-2163	zhaoxb@nmciq.gov.cn
	Xinjiang Entry-Exit Inspection and Quarantine Bureau of the People's Republic of China	No 116 North Nanhu Road Urumqi City Xinjiang 830063	(86-991)	464-0057	464-0050	xjciq_jw@xjciq.gov.cn
(NZ) New Zealand	Ministry for Primary Industries	P.O. Box 2526, Wellington 6140	(64-4)	830 1574	894 0300	
(RS) Is-Serbja	Institut za ratarstvo i povrtarstvo/ Institute of Field and Vegetable Crops	21000 Novi Sad Maksima Gorkog 30.	(381-21)	780 365 Operator: 4898 100	780 198	institut@ifvcns.ns.ac.rs
(UA) L-Ukrajna	Productional-Technical Centre (PTZ) Ukrhmel	Hlebnaja 27262028 Zhitomir	(380)	37 21 11	36 73 31	
(GB) Ir-Renju Unit (*)	Rural Payments Agency (RPA)	Lancaster House, Hampshire Court, Newcastle upon Tyne, NE4 7YH United Kingdom	(44)	3300 416 500	-	hops.exports@rpa.gov.uk
(US) L-Istati Uniti	Washington Department of Agriculture State Chemical and Hop Lab	21 N. 1st Ave. Suite 106 Yakima, WA 98902	(1-509)	225 76 26	454 76 99	
	Idaho Department of Agriculture Division of Plant Industries Hop Inspection Lab	2270 Old Penitentiary Road P.O. Box 790 Boise, ID 83701	(1-208)	332 86 20	334 22 83	

	Oregon Department of Agriculture Commodity Inspection Division	635 Capital Street NE Salem, OR 97310-2532	(1-503)	986 46 20	986 47 37	
	California Department of Food and Agriculture (CDFA-CAC) Division of Inspection Services Analytical Chemistry Laboratory	3292 Meadowview Road Sacramento, CA 95832	(1-916)	445 00 29 or 262 14 34	262 15 72	
	USDA, GIPSA, FGIS	1100 NW Naito Parkway Portland, OR 97209-2818	(1-503)	326 78 87	326 78 96	
	USDA, GIPSA, TSD, Tech Service Division, Technical Testing Laboratory	10383 Nth Ambassador Drive Kansas City, MO 64153-1394	(1-816)	891 04 01	891 04 78	
(ZA) L-Afrika t'Isfel	CSIR Food Science and Technology	PO Box 3950001 Pretoria	(27-12)	841 31 72	841 35 94	
(ZW) Iż-Żimbabwe	Standards Association of Zimbabwe (SAZ)	Northend Close, Northridge Park Borrowdale, P.O. Box 2259 Harare	(263-4)	88 20 17, 88 20 21, 88 55 11	88 20 20	info@saz.org.zw saz.org.zw

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq."